# ST. FRANCIS SECONDARY SCHOOL

# EŻAMIJIET ANNWALI

| **It-Tieni Sena** | **L-Istudji Soċjali** | **Il-Ħin: Siegħa u Nofs** |
|---|---|---|

Isem: ____________________ Klassi: ________________

- Din il-karta tal-eżami fiha **Sitt** taqsimiet.
- Aqra l-mistoqsijiet kollha li jinsabu fil-karta, minn Taqsima A sa Taqsima F u wieġeb sew kif mitlub.
- Wieġeb it-taqsimiet kollha.
- Il-marki jidhru fl-aħħar ta' kull taqsima.
- L-ammont totali tal-marki fil-karta ta' l-eżami huwa 100.

---

| Taqsima A | Taqsima B | Taqsima Ċ | Taqsima D | Taqsima E | Taqsima F |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | 10 | 20 | 20 | 20 | 20 |
| | | | | | |

ST. FRANCIS

**Taqsima A: Agħżel il-kelma t-tajba**

valuri; mass media; terzjarja; il-kunflitt;

agenti tas-Soċjalizzazzjoni; proċess; emigrazzjoni;

primarja; demografija; ċensiment;

1. Il-persuni li jgħinuna nitgħallmu mġieba ġdida jissejħu __________________.

2. Internet, TV, u radju huma eżempji ta' _______________________ .

3. ______________ ġieli jwassal biex jitfarrak grupp.

4. ________________ hija l-istudju tal-popolazzjoni umana.

5. _________________ hi meta n-nies jitilqu pajjiżhom biex imorru f'pajjiż ieħor.

6. Soċjalizzazzjoni ___________________ sseħħ bejn l-eta' ta' 0 sa 4 snin.

7. Mħabba, paċi u rispett huma eżempji ta' _______________.

8. L-edukazzjoni _________________ m'hiex obbligatorja.

9. __________________ jagħti stampa ċara tan-numru ta' nies li jgħixu f'pajjiz kif ukoll il-kwalita tal-ħajja li qed jgħixu.

10. ____________________ jfisser mixja maż-żmien.

(marka x 10 = 10 marki)

ST. FRANCIS

**TAQSIMA B: Agħżel billi timmarka t-tweġiba t-tajba:**

1. Li naqdi dmirijiet huwa mod kif

   a. nobdi l-liġijiet għaliex inkella naqla' multa

   b. nagħti s-sehem tiegħi fis-soċjeta'

   ċ. nieħu dak li jistħoqqli bħala bniedem

2. Id-dritt li nsemma' leħni u jkolli opinjoni jissejjaħ

   a. liberta' ta' moviment

   b. liberta' ta' għaqda

   ċ. liberta' tal-kelma

3. Fil-klassi huwa importanti li nirrespettaw lil xulxin biex b'hekk

   a. niffrankaw il-kastigi

   b. inkun nista' nikkopja l-'homework'

   ċ. kull persuna thossha parti minn dan il-grupp

4. Id-dritt għall-edukazzjoni huwa dritt ta' importanza għaliex

   a. inkun nista' nmur l-iskola u noqgħod nilgħab mal-ħbieb

   b. permezz tiegħu nitgħallem affarijiet ġodda u nsaħħaħ il-karattru

   ċ. irid immur l-iskola bilfors

ST FRANCIS

5. Kull persuna hija unika għaliex

a. mhux kulħadd joqgħod fl-istess raħal

b.mhux kulħadd għandu l-istess identita'

ċ. mhux kulħadd għandu l-istess delizzji

6. Fis-soċjeta' tagħna

a. il-mara u r-raġel ghandhom dritt li joħorġu jaħdmu

b. il-mara toħroġ taħdem għax bilfors

ċ. ir-raġel biss jista' joħroġ jaħdem

7. Huwa importanti li bħala ċittadin

a. kultant nobdi l-liġijiet

b. inkun responsabbli

ċ. dejjem ngħid li jfettili

8. Dak li jien nieħu gost nagħmel fil-ħin liberu tiegħi jissejjaħ

a. dmir

b. delizzju

ċ. Talent

9. Interdipendenza tfisser

a. ħadd m'għandu bżonn lil ħadd

b. kulħadd jagħmel li jrid

ċ kulħadd bżonn xulxin

10. Xenofobija tfisser
    a. biża min xeni koroh
    b. biża minn razez differenti ta' nies
    ċ. Biża mix-xandir

**Taqsima Ċ: Aqra dawn is-sitwazzjonijiet sew u wara wieġeb il-mistoqsijiet dwarhom. Kull mistoqsija għandha erba' marki.**



1. Martina, tifla ta' sentejn, tkun dejjem għand in-nanna filgħodu. Semmi

ERBA' affarijiet li n-nanna għandha tgħallem lil Martina.



2. It-tfal mportanti li jitgħallmu jġibu ruħhom sew. Semmi ŻEWĠ sanzjonijiet pożittivi u ŻEWĠ sanzjonijiet negattivi li jintużaw fil-familja biex t-tfal jitgħallmu mġieba xierqa.

3. Kull nhar ta' Sibt inti qegħda tmur l-isports complex tiprattika l-isport favorit tiegħek. Semmi ERBA' vantaġġi li għandek meta qed tipprattika l-isports.

ST. FRANCIS

4. Maria, Lara, Tania u Rita ilhom ħbieb għal dawn l-aħħar ħames snin. Semmi ZEWĠ vantaġġi li jkollok meta tkun membru ta' peer group.



Agħti ezempju ta' peer pressure negattiva u eżempju ta' peer pressure pozittiva:

5. Sara u sħabha tal-klassi jużaw ħafna l-mass media. Semmi ERBA' funzjonijiet tal-mass media.



ST. FRANCIS

**Taqsima D: Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha.**

"Dari, malli nqum filgħodu kont nilbes biex hekk kif idoqqu s-sitta, inkun minn tal-ewwel li nixtri l-gazzetta. Temp sabiħ jew dulluvju, dejjem noħroġ biex inkun naf x'qed jiġri. Fit-tmienja neqsin ħamsa nagħmel belgħa te, u noqgħod nisma' l-aħbarijiet fuq ir-Redifjuxin (radju). Apparti xi bulettin matul il-ġurnata, kont nistenna fuq ix-xwiek biex nara l-aħbarijiet fil-qosor tas-sitta fuq l-istazzjon nazzjonali. Fit-tmienja, imbagħad, ara min ikellimni għax jibdew l-aħbarijiet. B'hekk inħossni aġġornat dwar x'qed jiġri."



**Mistoqsijiet:**

1. Semmi **ŻEWĠ** mezzi oħra tal-komunikazzjoni li llum il-ġurnata wieħed jista' juża biex isegwi l-aħbarijiet.

(2 marki)

2. Semmi ERBA' vantaġġi li l-gazzetta online għandha fuq il-gazzetta li nixtru.




(4 marki)

3. Sa qabel is-snin disgħin f'Malta kellna stazzjon wieħed tat-televixin. Illum għandna diversi stazzjonijiet. Semmi x'jissejjaħ dan il-fenominu u semmi **ŻEWĠ** effetti li dan ġab miegħu.

(4 marki)

ST. FRANCIS

4. "Taqleb fejn taqleb reklami biss!" X'inhu l-iskop u l-użu tar-reklami?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

_____________________________________________________ (2 marki)



5. It-televixin għal ċertu tfal sar *babysitter*. Xi adulti biex iżommu lit-tfal kwieti jinsewhom quddiem it-televixin. Semmi ŻEWĠ perikli li jġib miegħu ħafna ħin quddiem it-televixin.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

_____________________________________________________ (2 marki)

6. Fuq it-televixin ma tistax taqbad u tgħid li trid. Ċertu affarijiet u ideat jiġu mwaqqfa.
Agħti ŻEWĠ eżempji.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

_____________________________________________________ (2 marki)

7. Fil-mass midja hemm bosta ħaddiema li jaħdmu biex ikunu jistgħu jwasslu l-informazzjoni f'darna. Semmi TNEJN minnhom.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

_____________________________________________________(2 marki)

8. Xi tfisser **globalizzazzjoni tal-kontenut**?

______________________________________________________________

______________________________________________________________

_____________________________________________________(2 marki)

ST. FRANCIS

**Taqsima E    Aqra din is-silta u wieāeb il-mistoqsijiet KOLLHA dwarha.**

**L-edukazzjoni u t-tagħlim imorru flimkien. Biex pajjiż jimxi 'l quddiem hemm bżonn li l-poplu jkun litterat, jiġifieri jaf jikteb u jaqra. Pajjiżna iħallas ħafna għalina biex jipprovdilna t-tagħlim b'xejn mill-kindergarten sa l-Universita. Il-pajjiżi tat-Tielet Dinja huma fqar wisq biex jgħallmu lil nieshom u għalhekk jibqgħu lura fl-iżvillup ta' ħajjithom. Jaqbel lili nnifsi u l-pajjiż li nkun naf nikteb u naqra, u dan billi noqgħod attenta l-iskola , nistudja u naqra ftit kuljum.**




Wieġeb:

1. F'sentenza waħda, ikteb dak li tifhem int bil-kelma edukazzjoni. (marka)

____________________________________________

2. Xi tfisser co-education? (2 marki)

____________________________________________

3. X'jigifieri persuna illitterata? (2 marki)

____________________________________________

4. X'inhi d-differenza bejn edukazzjoni formali u edukazzjoni informali (4 marki)

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

5. Malala hija tifla mill-Pakistan li temmen li kemm is-subien kif ukoll il-bniet għandhom dritt għall-edukazzjoni. F'pajjizha l-bniet mhux dejjem jintbagħtu l-iskola minħabba l-idea li dawn m'hemmx għalfejn jitgħallmu. Semmi erba' raġunijiet għaliex huwa importanti li kulħadd kemm bniet u kemm ukoll subien imorru l-iskola. (4 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

6. X'inhu sillabu? (2 marki)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

7. Is-sistema edukattiva Maltija tinqasam f'diversi setturi semmihom u immarka liema minnhom huma obbligatorji. (5 marki)

I. ______________________________

II. ______________________________

III. ______________________________

IV. ______________________________

V. ______________________________

ST. FRANCIS

**Taqsima F: Agħżel WIEĦED minn dawn it-temi u ikteb madwar 200 kelma dwaru: (20 marka)**

1. "Il-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa jinfluwenzaw ħafna liż-żgħażagħ". Iddiskuti kif iż-żgħażagħ qed jiġu influwenzati minn dawn il-mezzi.

2. Iddiskuti l-għanijiet tal-edukazzjoni.

Titlu Numru ______

ST. FRANCIS

TMIEM

ST. FRANCIS